Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SEBA' KUNSILL

30 ta' Lulju 2014

**It-Tlieta u Għoxrin Seduta tas-Seba' Kunsill Lokali Mellieħa ser issir nhar it-Tnejn 4 ta' Awwissu 2014 fis-7.30pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AGENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajma fil-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Nomini għall-ħatra ta' Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ
6. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jikkonċerna Titjib ta' Toroq Rurali użati mill-bdiewa
7. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt li jinvolvi r-Restawr tal-Għajn tal-Mellieħa
8. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2014
9. Trasport għall-anzjani li jattendi ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa
10. Rapport Amministrattiv 2013

Materji oħra

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

## MOZZJONIJIET

6. **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier D. Vella illi tgħid:**

"Billi permezz tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali 2007-2013 – Axis 1 - Miżura 125 ġiet allokata s-somma ta' €17,996.18 taħt Azzjoni 1 Miżura 1.1., bil-għan li jitwettaq proġett li jinvoli toroq użati mill-bdiewa fl-inħawi tal-Qammieħ, Wied Musa u Ta' Msid;

Billi skont il-ftehim li jirregola l-imsemmija għotja ffirmat fit-2 ta' Lulju 2014, il-Gvern Malti ser jikkontribwixxi €5,998.73 (eskluża l-VAT) mis-somma msemmija, filwaqt li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa obbligat li jagħmel tajjeb għall-€2,666.10 (eskluża l-VAT), flimkien mal-VAT dovuta fuq in-nefqa kollha li tammonta għall- €4,799; u

Billi saret sejħa għall-offerti (2/2014) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jitwettaq ix-xogħol imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni tal-erba' offerti li saru mill-Tender Adjudication Board skont ir-rapport tal-10 ta' Lulju 2014, kif ukoll id-diskussjoni li kien hemm tal-istess rapport fis-Seduta tal-Kunsill Nru. 23 tal-14 ta' Lulju 2014;

Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent Central Asphalt Ltd skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/10/24)

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Emvin Bartolo |
| **Proponent** | **Sekondant** |

7. **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo illi tgħid:**

"Billi saret sejħa għall-offerti (4/2014) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex isir xogħol ta' restawr u konservazzjoni fuq l-Għajn tal-Mellieħa fi Triq il-Marfa, skont permess mogħti mill-MEPA - PA 1175/14;

Billi l-ispiża konnessa ma' dan ix-xogħol hemm provdut għaliha fl-estimi tas-sena finanzjarja 2013, taħt il-kont Nru. 2311(5); u

Billi skont ma jidher mill-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tal-10 ta' Lulju 2014, kif ukoll dawk tal-Kunsill tas-seduta Nru. 22 tal-14 ta' Lulju 2014, saret rakkomandazzjoni li l-kuntratt jingħata lill-offerent Salamanda Ltd;

Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent imsemmi, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (R/2/Vol II)

| | |
|---|---|
| Clayton Bartolo | Hilary Fenech |
| **Proponent** | **Sekondant** |